6 ta' Settembru, 1947.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Mary Bonnici *versus* Onor. Joseph Reynaud, LL.D., ne.

**Filjazzjoni Illeġittima — Kura tat-Tfal.**

*Il-kura tat-tfal hija regolata minn ordni dupliċi ta' idejiet, jiġifieri dawk li jidħlu fl-ordni morali u dawk li jidħlu fl-ordni legali.*

*Fl-ordni legali jingħad illi t-twelid tat-tfal jistabbilixxi doveri bejn il-ġenituri u l-ulied; u huwa ġust li l-kura tat-tfal tiġi mħollija f'idejn il-ġenituri, li fihom it-tfal għandhom isibu l-aqwa protez-*

*-zjoni, tant fil-persuna kemm moralment. U dan jingħad anki għat-tfal illeġittimi, bħal ma japplika għat-tfal leġittimi.*

*Fl-ordni morali però, jista' jkun hemm ċirkustanzi morali, materjali, u anki soċjali, li jogħlbu jew jaffjevolixxu din ir-regola ta' l-ordni legali; u dan jiddependi minn ċirkustanzi ta' fatt li għandhom jiġu meħuda in konsiderazzjoni.*

*Il-prinċipju li għandu jipprimeġġja, meta l-Qorti tiġi biex tagħti provvedimenti dwar il-kura tat-tfal, huwa dak li huwa suġġerit mill-aktar utilità u dak ta' l-aqwa vantaġġ għall-interess ta' l-istess tfal.*

Il-Qorti. — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi, wara li tal bet li jiġu magħmula d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jiġu mogħtija l-provvedimenti opportuni, u wara li ppremettiet illi s-Sekond'Awla ta' din il-Qorti, b'digriet numru 534 tat-28 ta' Marzu 1947, mogħti fuq rikors ta' l-Attorney General, ordnat li Dorothy Read, Melita Mary u Patrizia Bonnici, tfal minuri tagħha, soġġetti għat-tutela legali tagħha, għandhom jibqgħu, l-ewwel waħda fl-Istitut tal-Bwon Pastur, u t-tnejn l-oħra, fl-Istitut ta' San Ġużepp tas-Soċjetà Dumnikani, Ħaż-Żabbar, sakemm jagħalqu t-tmintax-il sena jew sa ma dik il-Qorti tagħti ordnijiet oħra (dok. A); u b'digriet ieħor numru 708 tat-30 ta' April 1947, mogħti fuq rikors tagħha għar-revoka "contrario imperio" tad-digriet preċedenti, irrimettiet lil dina l-Qorti d-definizzjoni tad-domanda kontenuta f'dak ir-rikors (dok. B); u li bil-kunsens ta' żewġha, li għandu impjieg tajjeb u l-mezzi biex imantni lil dawk it-tfal u jedukahom ċivilment, trid tirtira dawk it-tfal mill-Istituti fuq indikati, biex teħodhom magħha l-Ingilterra fejn hija stabbiliet ir-residenza tagħha; u huwa interess ta' l-istess tfal li jitrabbew fl-ambjent tal-familja tagħha, u mhux li jibqgħu Malta bla ebda sostenn u bla ebda protezzjoni; u billi l-konvenut nomine ma għandu l-ebda interess legali li jintralċja l-kors ta' l-eżerċizzju tat-tutela tagħha fuq l-imsemmijin minuri; talbet li jiġi minn dina l-Qorti revokat id-digriet mogħti mis-Sekond'Awla ta' l-istess Qorti fuq rikors ta' l-Onorevoli Louis Galea nomine, numru 534 tat-28 ta' Marzu 1947, biex hi tkun tista' tirtira liberament lill-imsemmijin uliedha mill-Istituti fuq indikati; salv kull provvedi-

ment li l-Qorti tirritjeni xieraq. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut nomine;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Mill-provi jirriżulta illi l-attriċi, qabel ma żżewġet marragel li għandha l-lum kellha t-tlitt itfal imsemmija fl-att taċ-ċitazzjoni..............;

Illi minn dawna, li huma l-fattijiet riżultati, dina l-Qorti ġiet adita biex taqta' u tgħid jekk it-tfal in kwistjoni, reklamati mill-omm naturali, għandhomx jew le jiġu lilha konsenjati;

Illi sabiex dina l-Qorti tkun tista' tasal għad-deċiżjoni tagħha hemm bżonn li jiġu premessi xi prinċipji li jirregolaw il-materja. Huwa risaput li l-materja in diskussjoni hija regolata minn ordni dupliċi ta' idejiet, u ċjoè dawk li jidħlu fl-ordni morali u dawk li jidħlu fl-ordni legali. It-twelid, bħala fatt materjali, jistabbilixxi doveri bejn il-ġenituri u t-tfal naturali. Dawn l-aħħar imsemmija għandhom ikunu taħt direzzjoni ta' xi ħadd, u in tema ġenerali jingħad li huwa ġust li t-tfal jiġu mħollija f'idejn il-persuna li l-istess natura tobbliga, l-għaliex istintivament, fil-kors normali tal-ħajja, b'impellenza viżibili u konstatabili anki fil-ħajja ta' l-annimali mhux raġjonevoli timmanifesta ruħha, li lilhom tipporġi jew tagħti dawk il-kuri. Fi ftit kliem, fil-ħsieb ordinarju tal-ħajja, huwa diffiċili taħseb li t-tfal — mhux esklużi t-tfal illeġittimi — fil-ġenituri tagħhom leġittimi jew illeġittimi, ma għandhomx isibu l-aqwa protezzjoni, tant fil-persuna kemm moralment. Jingħad però li jekk dan huwa l-ħsieb ordinarju bażat fuq l-istint tan-natura, ħafna drabi ċirkustanzi morali, materjali u aktarx soċjali, jekk ma joqtlux għal kollox dik l-impellenza istintiva, jaffjevoluha b'mod li dak li ntqal ma javverax ruħu, jew inkella javvera ruħu biss apparentement, meta jsorġu ċirkustanzi konkomitanti;

Hekk jiġri — jingħad bħala eżempju — meta t-tifel minuri jiret bla ma jkun previst xi flus, jew meta l-omm tattifel, wara li ma tkunx tista' tagħmel iehor, tfittex lill-missier naturali għal xi alimenti — ipotesijiet li jissuġġerixxu, fl-ewwel każ l-interess tal-persuna li qabel dik l-evenjenza ma tkunx ħasbet fuq is-sentiment naturali tirripara l-iżball u ma' l-okkorrenza tkun trid tapprofitta ruħha minnu, u fit-

tieni ipotesi, suġġerita anki mill-interess u b'animu ħażin, l-alimentand, sabiex ipatti għall-proċeduri u għall-kors ta' azzjonijiet legali li ma jkunx jista' jevita, jipprova jipprivа lil-persuna li tkun sa allura rabbiet il-minuri, a skapitu forsi tar-riputazzjoni morali tagħha, mill-istess tifel minuri bi tweġġigħ ta' qalb kbir, bħal ma jista' jkun jaf min għandu t-tfal, u b'hekk isir padrun tal-kondizzjonijiet imposti mill-obligu naturali tiegħu;

Dawn ir-riflessjonijiet u oħrajn kwindi jissuġġerixxu ċirkospezzjoni kbira, kif ukoll li ċ-ċirkustanzi "di fatto" kollha ma jistgħux jiġu traskurati, u għandhom jiġu, fl-ordni tal-ħsieb li għidna, peżati u mgħarbla;

Dwar il-prinċipji li jidħlu fl-ordni legali, jingħad illi, jekk dwar it-tfal naturali l-ġenitur illeġittimu li jirrikonoxxi t-tfal illeġittimi jista' jkollu t-tutela legali (ara art. 103 (1) Kodiċi Ċivili) waqt il-minorità tiegħu, ma jistax jingħad l-istess ħaġa dwar it-tfal "ex adulterio nati" jew it-tfal imwielda minn inċest jew tfal sagrilegi (ara art. 103 (4) u 104 tal-Kodiċi Ċivili), fejn it-tutela hija mhux leġittima, imma dativa, u tappartjeni lill-Qorti;

Jingħad ukoll li skond l-art. 109 tal-Kodiċi Ċivili l-omm li ma tkunx irrikonoxxiet it-tfal illeġittimi minuri għandha l-istess drittijiet u obligazzjonijiet tal-missier li jkun irrikonoxxihom. Fl-aħħarnett jingħad li rigward l-abitazzjoni u l-edukazzjoni tat-tfal f'dar il-ġenituri, il-prinċipju regolatur kien dejjem dak li huwa suġġerit mill-aktar utilità u dak ta' l-aqwa vantaġġ għall-interess ta' l-istess tfal;

Tikkunsidra;

Illi, premessi dawna l-prinċipji, jingħad;

1. Li l-preċedenti kondotta ta' l-omm, ċjoè l-attriċi, u, aktar mill-kondotta l-prinċipji tagħha, ma tantx jirrakkomandaw jew jissuġġerixxu lil dina l-Qorti tagħtiha l-kura tagħhom. Infatti..............;

2. L-età tat-tfal in kwistjoni l-lum ma għadhiex tirrikjedi neċessarjament il-kura ta' ommhom;

3. Ir-renitenza ta' l-istess tfal li jmorru ma' ommhom u mal-persuna li hija tinsab miżżewġa miegħu, li minnha l-attriċi għandha tfal oħra..............';

4. It-tbiddil ta' l-ambjent tal-lum, fejn it-tfal iridu joqgħodu, u fejn iridu jkomplu jgħammru..............;

5. Il-fatt li l-attriċi bi ħsiebha teħodhom igħixu f'ambjent strangier għalihom..............;

6. Il-fattur ekonomiku hawn u bnadi oħra;

7. Il-fatt li ż-żewġt itfal żgħar huma suġġetti għat-tutela dativa, u mhux leġittima, ta' ommhom, u l-lum jinstabu fl-Istitut immsemmi bl-ordni tal-Qorti kompetenti, li skond l-art. 105 tal-Kodiċi Ċivili, meta ma jkunx hemm tutela legali, għandha d-dritt tal-ħatra ta' futur għat-tifel illeġittimu;

8. Fuq kollox, l-utilità u l-interess tal-vantaġġ tat-tfal, li juri mic-ċirkustanzi kollha, li huwa li jibqgħu fejn huma fin-nuqqas ta' post aħjar, anki għax-xelta ta' l-attriċi bil-kunsens tal-Qorti;

Tikkunsidra;

Illi dina l-Qorti, sakemm waslet għad-deċiżjoni tagħha, ħasset vivament u fortement, u ħasbet fit-tul ħafna dwar li l-attriċi, bħala omm naturali, sejra tbati mill-privazzjoni ta' wliedha; imma kkunsidrat bil-għajn tar-raġuni li meta l-istess liġi timponi lill-omm leġittima ċerti obligi, speċjalment meta dik l-omm ikollha t-tutela ta' wliedha, jew meta, investita b'dik l-istess tutela, terġa' tiżżewweġ, b'mod li turi ċar kemm il-legislatur jiddiffida u jittratta bir-rigur l-istess ommijiet leġittimi, li ma jkunu naqsu minn xejn, ma hemmx raġuni l-għala ma għandhomx jigu diffidati u trattati bl-istess rigur l-ommijiet illeġittimi li ma jkunux, sfortunatament, imħabba d-debolezzi umani, urew ruħhom bla tebgħa fil-ħajja tagħhom. Jingħad ukoll illi dik li tidher apparentement ħruxija fit-trattament ma hix ħlief in apparenza hekk, il-għaliex dika l-apparenza hija bil-bosta aktar u aktar kompensata meta l-istess omm, hekk privata, taħseb u tara li l-provvediment li jkun ittieħed ikun ġie prexelt koxjenzjożment bla ħsieb ta' interess jew sentimenti għall-mument morbużi, fl-interess uniku u għall-vantaġġ biss ta' l-istess uliedha sakemm jiffurmaw il-karattru tagħhom, u sakemm ikunu ta' età tali li l-istess ikunu kapaċi jaħsbu b'rashom, u meta huma allura huma stess ikunu jafu japprezzaw is-sagrifiċċju ta' l-istess ommhom fl-interess tagħhom — sagrifiċċju li f'għajnejn it-tfal intelligħin ta'jeb, ikun mezz ta' redenzjoni għall-kolpi u mankamenti tal-ħajja preċedenti;

Illi kwalunkwe provvediment, jekk l-attriċi tkun trid,

ma huwiex sejjer jippriva l-attriċi mid-drittijiet li għandha skond il-liġi dwar l-edukazzjoni tagħhom, u milli l-istess — kompatibilment mar-regolamenti tal-post fejn ikunu jinsabu — tmur iżżurhom u taħseb fihom bi kwalunkwe mod, jekk verament, kif m'hemmx raġuni li dina l-Qorti taħseb differentement, hija tħoss li tħobbhom bħala demmha;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Taqta' u tiddeċidi, wara li tikkonferma d-digriet ta' dina l-Qorti bħala Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja, mill-attriċi attakkat, billi tiċħad it-talba attriċi; bl-ispejjeż; riżervati lill-attriċi d-drittijiet tagħha kollha skond il-liġi.

---